

32004R0602

L 97/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.4.2004

## IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) n 602/2004

tat-22 ta' Marzu 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 dwar il-protezzjoni ta' sikek tal-qroll fl-ilma fond mill-effetti ta' sajd bit-tartarun f'żona fuq in-naħa tal-majjistral ta' l-Iskozja

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

(1) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 fuq il-konservazzjoni u l-utilizzazzjoni sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-politika komuni tas-sajd <sup>(2)</sup> jipprovdi li l-politika komuni tas-sajd trid tapplika strateġija ta' prekawzjoni fil-miżuri li tiegħu biex timminimizza l-impatt ta' attivitajiet tas-sajd fuq is-sistemi ekoloġiċi tal-baħar.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri ta' natura teknika għall-protezzjoni ta' organiżmi marini immatur <sup>(3)</sup> jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir li jiġi mkaxkar mal-qiegħ.

(3) Skond rapporti xjentifiċi reċenti, u b'mod partikolari r-rapporti tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar, aggregazzjonijiet ta' qroll ta' l-ilma fond (*Lophelia pertusa*) instabu u saru mapep dettaljati tagħhom f'żona fuq in-naħa tal-majjistral ta' l-Iskozja li tinsab taħt il-ġurisdizzjoni tar-Renju Unit. Dawn l-aggregazzjonijiet, magħrufa bħala d-*"Darwin Mounds"*, jidhru li huma fi stat tajjeb ta' konservazzjoni iżda hemm sinjali ta' ħsara kkawżata minn sajd fil-qiegħ bit-tartarun.

(4) Rapporti xjentifiċi juru li dawn it-tipi ta' aggregazzjonijiet jikkostitwixxu ambjenti naturali li jħaddnu komunitajiet bijoloġiċi importanti u ta' diversità kbira. Dawn l-ambjenti naturali huma kkunsidrati b'ħafna fora li jeħtieġu protezzjoni prijoritarja. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin fl-Atlantiku tal-Grigal (il-Konvenzjoni OSPAR) dan l-aħħar inkludiet sikek tal-qroll ta' l-ilma fond f'lista ta' ambjenti naturali li jinsabu fil-periklu.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' ambjenti naturali u ta' fawna u flora selvaġġi tinkludi s-sikek ma' l-ambjenti naturali ta' interess Komunitarju li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ in-nominazzjoni ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni <sup>(4)</sup>. Ir-Renju Unit esprima b'mod formali l-intenzjoni tiegħu li jinnomina d-*Darwin Mounds* żona speċjali ta' konservazzjoni biex jiproteġi dan it-tip ta' ambjent naturali biex iwettaq l-obbligi tiegħu provduti fid-Direttiva msemmija.

(6) Skond provi xjentifiċi, l-irkuprar minn ħsara lill-qroll mit-tartarun mkarkra mal-qiegħ huwa impossibli jew diffiċli ħafna u bil-mod. Għallhekk jixraq li jiġi pprojbit l-użu ta' tartaruni tal-qiegħ u tagħmir simili fl-inħawi tad-*Darwin Mounds*.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 850/98 għandu għaldaqstant jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 850/98, fil-paragrafu 4 li ġej għandu jidher:

“4. Bastimenti għandhom jiġu pprojbiti milli jużaw kull tartarun tal-qiegħ jew xbiek imkarkra simili li jmissu ma' qiegħ il-baħar fiż-żona li qiegħda fil-limiti ta' linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

Latitudni 59°54 T	Lonġitudni 6°55 P
Latitudni 59°47 T	Lonġitudni 6°47P
Latitudni 59°37 T	Lonġitudni 6°47 P
Latitudni 59°37 T	Lonġitudni 7°39 P
Latitudni 59°45 T	Lonġitudni 7°39 P
Latitudni 59°54 T	Lonġitudni 7°25 P.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Awissu 2004.

(1) L-Opinjoni ta' l-10 ta' Frar 2004 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 358, tal-31.12.02, p. 59.

(3) ĠU L 125, tas-27.04.98, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 137, tad-19.05.01, p. 1).

(4) ĠU L 206, tat-22.7.1992, p. 7. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Marzu 2004.

*Fisem il-Kunsill*

*Il-President*

J. WALSH

---